MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta ta' 16 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1063/1999/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Triton Investments Limited, Philip Petroni & Son Limited, Duncan u Vanessa mizzewgin Petroni u Philip u Josette mizzewgin Petroni.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici Bank of Valleta p.l.c. ikkoncediet "*Loan Facility*" lill-konvenuta socjeta' kummercjali Triton Investments Limited;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' kummercjali Triton Investments Limited fis-

somma ta' sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u wiehed u erbghin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm27,941.99) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Triton Investments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Permess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti Nutar Dottor Pierre Falzon datat 23 ta' Mejju, 1997 (Dok. B), il-konvenuta socjeta' Philip Petroni & Son Limited iggarantiet flimkien u "in solidum " mas-socjeta' kummercjali Triton Investsments Limited ghal favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta' kummercjali Triton Investments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg skritturi privati datati 1 ta' Novembru, 1995 u 20 ta' Gunju, 1994 (Dok. C u Dok. D), il-konvenuti Duncan u Vanessa mizzewgin Petroni ggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' kummercjali Triton Investments Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c.:

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'skittura privata datata 9 ta' Awissu, 1995 (Dok. E), il-konvenuti Philip u Josette mizzewgin Petroni ggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' kummercjali Triton Investments Limited ghal favur tal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' sitt elef u hames mitt liri Maltin (Lm6,500);

Premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali datati 23 ta' Gunju, 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "F , Dok. "G", Dok. "H" u Dok. "I", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lis-socjeta' kummercjali Triton Investments Limited, lis-socjeta' kummercjali Philip Petroni & Son Limited, lil Duncan u Vanessa mizzewgin

Petroni u lil Philip u Josette mizzewgin Petroni jhallsu flimkien u “in solidum” bejnithom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf, disa’ mija u wiehed u erbghin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm27,941.99) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Account*” ta’ Triton Investments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 23 ta’ Gunju, 1998 u tal-Mandat ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu prezentati konstwalment kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 55 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti;

a) Illi in kwantu jirrigwarda l-konjugi Philip u Josette Petroni t-talba tal-atturi mhijiex sostenibbli stante illi, l-garanziji moghtija permezz tal-kuntratt tat-23 ta’ Mejju,1997 (Dok. B - anness mac-citazzjoni kienu intizi sabiex jissostitwixxu l-garanziji personali, liema garanziji baqghu qatt ma gew ritornati lill-konvenuti, u ghalhekk il-konvenuti Philip u Josette konjugi Petroni ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

b) Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess illi in kwantu jirrigwarda l-konjugi Philip u Josette Petroni, t-talba tal-atturi mhijiex sostenibbli almenu kif proposta, stante illi kif premess fl-istess citazzjoni, il-garanzija minnhom originarjament provduta (Dok E – annessa mac-citazzjoni) kienet limitatament sas-somma ta’ Lm6,500 u mhux ghas-somma intiera, u stante illi inoltre Philip u Josette konjugi Petroni kienu hallsu s-somma ta’ Lm1,151 u ghalhekk f’kaz illi kellha tigi michuda l-eccezzjoni precedenti, il-garanzija tal-konvenuti Philip u Josette konjugi Petroni hija biss sas-somma ta’ Lm5,349.

c) Illi in kwantu jirrigwarda l-konjugi Duncan u Vanessa Petroni t-talba tal-atturi mhijiex sostenibbli stante illi, l-garanzija moghtija permezz tal-kuntratt tat-23 ta' Mejju, 1997 (Dok. B – anness mac-citazzjoni ) kienu intizi sabiex jissostitwixxu l-garanzija personali, liema garanzija baqghu qatt ma gew ritornati lill-konvenuti, u ghalhekk il-konvenuti Duncan u Vanessa konjugi Petroni ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

d) Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess illi in kwantu jirrigwarda l-konjugi Duncan u Vanessa Petroni, f'kaz illi ma kellhiex tigi milqugha l-eccezzjoni premessa u jigi dikjarat illi huma responsabbli bhala garanti, l-istess Duncan u Vanessa konjugi Petroni ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, stante illi huma ma gewx validament interpellati sabiex ihallsu l-istess.

e) Illi in kwantu jirrigwarda s-socjetajiet konvenuti, l-istess socjetajiet konvenuti ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, stante illi huma ma gewx validament interpellati sabiex ihallsu l-istess.

f) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' l-atturi;

Rat li ma gewx prezentati l-*workings* u n-nota kif imsemmi fil-verbal a fol. 101;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

**Joseph Chetcuti** xehed li kien sar kuntratt ta' amalgamazzjoni f'diversi kontijiet ta' Triton Investment Ltd u s-*security* li kelllhom fuq il-kontijiet l-ohra, baqghu jidhru

fuq dan il-kuntratt. Kien hemm tliet garanziji personali u *pledge* fuq *life insurance policy*. Fil-*file* m'ghandhomx notament li sar xi diskors li meta jsir dan il-kuntratt, Petroni kellhom jigu liberati mill-garanzji personali taghhom.

**Norman Rossignaud,** Manager mal-Bank attur, xehed li kienet inghatat *facility* lill konvenuti. Meta jsir self lill xi kumpanija, huma dejjem jiehdu garanzija personali wkoll. Il-garanziji kienu f'idejn il-Bank (ara fol. 79 et seq). Meta jirrilaxxjaw xi *security*, dan il-fatt jitnizzel fis-*sanction letter*, u f'dana l-kaz ma tnizzel xejn (ara dok. a fol. 79). Is-*sanction letter* ma gietx iffirmata mill-klijent, pero' il-konvenut accetta l-kondizzjonijiet li mpona l-bank, u ha l-flus. Il-konvenuti kellhom debitu mal-bank, riedu flus addizzjonali, u ghalhekk il-bank talab garanziji addizzjonali. B'kollox id-debitu kien ta' xi Lm26,000. Il-garanziji personali dejjem jitolbuhom allavolja jkun hemm ipoteka fuq art.

**Philip Petroni** xehed li kienu ssellfu flus mill-Bank. Il-flus kellhom jinhargu fuq il-kumpanija Triton Investments Ltd u l-kontijiet kollha ta' dina l-kumpanija gew amalgamati f'wiehed. Kien hemm garanti l-kumpanija Philip Petroni & Sons Ltd, bi proprjeta fil-Madliena u huma nsistew li jigu kancellati l-garanziji personali in konessjoni mieghu, martu u ma Duncan u Vanessa Petroni. Is-Sur Rossignaud ikkonferma li dan kien accettabili u li kien ser jaghtihom is-self mitlub. Il-garanziji personali kellhom jigu sostitwiti bl-ipoteki. Mill garanzija taghhom ta' Lm6,500 huma kienu hallsu Lm1,151 (ara fol. 66). Kien sar sekwestru mill-Bank kontra Philip u Josette Petroni (ara fol. 87) ghall ammont ta' Lm6,500 ghall bilanc ta' debitu fl-*loan account* ta' Tritons Investments Ltd u l-Bank kien issekwestra l-ammont ta' Lm8,960 Dok fol. 89.

**Duncan Petroni** xehed li hu kien gie mgieghel jiffirma xi karti minn Norman Rossignaud biex ikun jista' johrog xi flus personali tieghu li pero' ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' xi kumpanija ohra. Billi riedu jsifru dak in-nhar stess kienu iffirmaw il-karti tal-garanziji.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ammont mitlub fic-citazzjoni minghand Triton Investments Ltd ma hemmx kontestazzjoni. L-atturi pprezentaw *statement* aggornat Dok DAC1 u DAC2 (fol. 100) fejn jirrizulta li l-bilanc dovut illum jammonta ghall Lm36,277.89 salv l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv. Triton Investments Ltd u Philip Petroni & Sons Ltd mhux qed jikkontestaw li l-ammont hu dovut minnhom, imma qed jghidu li m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante illi huma ma gewx validament interpellati sabiex ihallsu l-istess.

Dwar dina l-eccezzjoni, l-atturi pprezentaw kopji ta' l-ittri ufficjali li ntbaghtu lill socjetajiet konvenuti (ara dok F a fol. 27 u Dok H a fol. 34).

Il-konvenuti l-ohra pero qed jikkontestaw li huma ghandhom jaghtu l-ammont mitlub.

Il-konjugi Philip u Josette Petroni qed jeccepixxu li (1) l-garanziji moghtija permezz tal-kuntratt tat-23 ta' Mejju,1997 (Dok. B ) kienu intizi sabiex jissostitwixxu l-garanziji personali precedenti, (2) u li l-garanzija minnhom originarjament provduta (Dok E fol. 22) kienet limitatament sas-somma ta' Lm6,500 u mhux ghas-somma intiera, u huma kienu hallsu s-somma ta' Lm1,151 (fol. 66) u ghalhekk il-garanzija taghhom hija biss sas-somma ta' Lm5,349.

Dwar it-tieni kontestazzjoni tal-konvenuti Philip u Josette Petroni l-atturi jaqblu li dawn hallsu s-somma ta' Lm8,960.00 (ara fol. 89) izda huma jsostnu li jew dana l-ammont jidhol fil-kont ta' Triton Investments Ltd u l-bank jirriduci l-bilanc dovut minn Triton Investments jew inkellha jekk il-konjugi Petroni jibqghu jsostnu li huma m'humiex garanti l-ammont jinzamm f'kont separat kif xtaqu l-istess konjugi Petroni (ara nota ta' l-atturi a fol. 95.)

Il-Qorti ghalhekk trid tiddeciedi l-ewwel jekk il-garanziji moghtija permezz tal-kuntratt tat-23 ta' Mejju,1997 (Dok.

B) kienux intizi sabiex jissostitwixxu l-garanziji personali precedenti li kienu taw il-konjugi Philip u Josette Petroni.

Illi Qorti wara li ezaminat id-dokumenti ezibiti u x-xhieda prodotta tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt il-garanziji personali kienu garanziji addizzjonali ghall garanziji l-ohra u mhux kellhom jigu sostitwiti.

Joseph Chetcuti**,** Secretary A mal bank attur fil-branch ta' San Gwann xehed li kien sar kuntratt ta' amalgamazzjoni f'diversi kontijiet ta' Triton Investment Ltd u s-*security* li kelllhom fuq il-kontijiet l-ohra, baqghu jidhru fuq dan il-kuntratt. Kien hemm tliet garanziji personali u *pledge* fuq *life insurance policy* (ara fol. 79/80). Fil-*file* m'ghandhomx notament li sar xi diskors li meta jsir dan il-kuntratt, Petroni kellhom jigu liberati mill-garanzji personali taghhom.

L-istess xehed Norman Rossignaud, Manager mal-Bank attur, meta qal li meta jsir self lill xi kumpanija, huma dejjem jiehdu garanzija personali wkoll u meta jirrilaxxjaw xi *security*, dan il-fatt jitnizzel fis-*sanction letter*, u f'dana l-kaz ma tnizzel xejn (ara dok a fol. 79). Ghalkemm is-*sanction letter* ma gietx iffirmata mill-klijent, pero' il-kljent kien accetta l-kondizzjonijiet li mpona l-bank, u ha l-flus. Il-garanziji personali dejjem jitolbuhom allavolja jkun hemm ipoteka fuq art.

Id-dokumenti ezibiti (garanziji) mill-bank jitkellmu wahedhom u l-konvenuti Petroni ma rnexxilhomx jippruvaw li kien hemm xi ftehim differenti minn dak indikat mill-bank fis-*sanction letter*.

Il-konvenuti l-ohra Duncan u Vanessa Petroni ecceppew ukoll li (1) il-garanzija moghtija permezz tal-kuntratt tat-23 ta' Mejju, 1997 (Dok. B) kienet intiza sabiex tisostitwixxi l-garanzija personali u (2) huma ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, stante illi huma ma gewx validament interpellati sabiex ihallsu l-istess.

Dwar dina l-ahhar eccezzjoni, l-atturi pprezentaw kopja ta' ittra ufficjali Dok 1 a fol. 37 datata 23 ta' Gunju, 1998 li

ntbaghtet lill konvenuti. Kwantu ghall l-eccezzjoni l-ohra l-Qorti diga iddecidiet l-istess punt fir-rigward tal-konjugi Philip u Josette Petroni. B'riferenza ghall dak allegat mill-konvenuti Duncan u Vanessa Petroni cioe' li huma gew imgieghla jiffirmaw dokumenti li ma huma kellhomx x'jaqsmu maghhom, il-Qorti tirrileva li dawn id-dokumenti jitkellmu wahedhom u l-konvenuti ma gabu ebda prova dwar dak allegat minnhom.

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ma jistghux jigu milqugha. Jibqa' li jigi deciz x'ghandu jsir mill-ammont ta' Lm8,960 imhallas mill-konvenuti Philip u Josette Petroni.

Il-Qorti tiddeciedi li f'dan l-istadju t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti konjugi Philip u Josette Petroni bhala garanti hi ezawrita u konsegwentement is-somma fir-rigward tat tlett konvenuti l-ohra ghandha tigi ridotta bl-ammont imhallas mill-konjugi Philip u Josette Petroni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

tikkundanna lis-socjeta' kummercjali Triton Investments Limited, lis-socjeta' kummercjali Philip Petroni & Son Limited u lil Duncan u Vanessa mizzewgin Petroni jhallsu flimkien u "in solidum" bejnithom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u wiehed u erbghin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm27,941.99 - l-ammont mitlub fic-citazzjoni) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account* " ta' Triton Investments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok.A) wara li jitnaqqas l-ammont ta' Lm8,960 imhallas mill-konjugi Philip u Josette Petroni flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**